**6 ta' Gunju, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Cassar et.

*versus*

Paolo Cassar et.

**Likwidazzjoni ta' Wirt — Diviżjoni.**

*Fl-azzjoni "familiae erciscundae" jidħlu mhux biss is-sustanzi attivi u passivi eżistenti fil-ġurnata tal-apertura tas-suċċessjoni, iżda anki l-akkwisti u l-ispejjeż li talvolta jkun saru in pendenza tal-istess suċċessjoni, kif ukoll ir-riżultat tal-amministrazzjoni provviżorja li tkun saret anki mill-ko-eredi fil-kors tal-komunjoni ereditarja. Għaldaqstant fil-likwidazzjoni tal-wirt għandhom jiġu kompriżi anki l-frutti tal-beni komuni; u mhix f'lokha l-osservazzjoni illi, jekk xi wieħed mill-eredi daħħal xi kera mill-fondi tal-eredità, hu jibqa' tenut jagħti kont tal-amministrazzjoni tiegħu, u li għal dan il-fini hija biżżejjed riżerva kontra tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat in-nota tal-atturi taż-17 ta' Frar 1960 (fol. 354), fejn "inter alia" talbu li jiġu mdaħħlin fil-likwidazzjoni l-frutti tal-beni komuni, li sal-lum waslu f'ammont rilevanti in vista taż-żmien li għadda mill-mewt tad-de-cujus;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni proposta mill-atturi hija bla dubju dik li tissejjaħ "familjae erciscundae", u għalhekk jidħlu fiha mhux biss is-sustanzi attivi u passivi eżistenti fil-ġurnata tal-apertura tas-suċċessjoni, iżda anki l-akkwisti u l-ispejjeż li talvolta jkunu saru in pendenza tal-istess suċċessjoni, kif ukoll ir-riżultat tal-amministrazzjoni provviżorja li tkun saret anki mill-ko-eredi fil-kors tal-komunjoni ereditarja (v. Pacifici Mazzoni, Successioni, Vol. VI, §§ 94 u 117; u Digesto Italiano, Successioni, Azioni Testamentarie, §27). Difatti, kif josserva Baudry-Lacantinerie, "per completare

la massa comune bisogna farvi rientrare i risultati dell' amministrazione provvisoria della comunione durante il periodo di indivisione" (Contratto di Matrimonio, Vol. II, §1082). U għalhekk, jikkonkjudi l-Vitali:— "L'operazione che dovrà le altre precedere è il rendiconto che ciascuno degli eredi deve all'altro, poichè è dalla determinazione del dare e dell'avere reciproci che si potrà integrare l'asse ereditario (Successione, VI, §619). F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza tagħna, bażata fuq il-prinċipju li "fructus augent haereditatem" (v. digriet P.A. 17.2.1937 a fol. 177, in re "Carmelo Said vs. Salvatore said et.", definita mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Frar 1947; u Kollez. XVII-II-60; XXIX-I-1203; XXX-II-203);

Illi għalhekk it-talba tal-atturi hija ġustifikata;

Illi l-konvenuti, fin-nota tagħhom fol. 356, issottomettew (a) illi l-kollazzjoni bejn l-eredi hija dovuta biss ta' dak li jkunu ħadu b"donazzjoni jew b'mod ieħor minn għand id-decujus, (b) u illi, jekk il-konvenut Michele daħħal xi kera, huwa jkun tenut jagħti kont tal-amministrazzjoni tiegħu, u għal dan il-fini hija biżżejjed li ssir riżerva kontra tiegħu Kwantu għall-ewwel sottomissjoni, barra dak li ġie fuq rilevat. josta b'mod l-aktar ċar l-art. 949 tal-Kodiċi Ċivili. Kwantu għat-tieni obbjezzjoni, il-pretiża riżerva tista' tkun ta' preġudizzju għall-kondividenti l-oħra, billi tneħħilhom id-dritt li jitħallsu mill-kwota ereditarja ta' Michele Cassar, u tpoġġihom f'pożizzjoni li jikkonkorru mal-kredituri partikulari tiegħu, forsi pozjuri għalihom; barra milli jiġi vjolat il-prinċipju li jeskludi diviżjoni parzjali jekk mhux bil-kunsens tal-interessati kollha, rikonoxxut anki mill-Qrati Tagħna (Kollez. VI, 741; XXV-I-379; XXIX-II-940);

Għal dawn il-motivi;

Tordna li, a spejjeż provviżorjament tal-atturi, il-proċess jiġi rinvijat lill-perit legali biex jillikwida u jdaħħal fil-massa diviżibbli l-frutti tal-beni komuni perċepiti jew perċepibbli skond il-liġi, u kull sustanza oħra li għandha tidħol f'dik il-massa in dipendenza tas-suċċessjonijiet li jif-

furmaw oġġett ta' din il-kawża; u għal dan il-fini l-perit ikollu l-istess fakoltajiet u obligi speċifikati fid-digriet tal-25 ta' Ġunju 1945 (fol. 35), u għandu jippreżenta r-rapport mhux iżjed tard mit-30 ta' Ġunju 1960; għal liema ġurnata qegħedha tiġi differita l-kawża;

Spejjeż riżervati.